# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju 2017**

**Rikors Ġuramenta Numru: 71/2014 PC**

**Joseph u Doris konjuġi Portelli**

**vs**

**Dr. Coronato Grech**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

Illi r-rikorrenti huwa sid il-fond 23, Triq Johnny Catania, Msida. Illi dan il-fond huwa dar mibni fuq żewġ sulari u bitħa u ġnien fuq wara ta' l-istess dar;

Illi l-intimat Dr. Coronato Grech huwa sid il-fond li jinsab biswit u adjaċenti l-fond tar-rikorrenti bl-indirizz 25, Triq Johnny Catania, Msida;

Illi l-intimat huwa ċittadin Għawdxi u huwa residenti 'Ta' Xewka', Triq l-Indipendenza, Kerċem, Għawdex;

Illi r-rikorrenti għandhom fl-ewwel sular il-fuq mil-livell tat-triq, kamra tal-banju li jinsab *en suite* mat-tieni kamra tas-sodda liema

kamra tal-banju ilu mibni mis-sena 1953. Illi din il-kamra tal-banju tinsab hawn indikat fl-anness ritratt markat Dok JP 1. Illi dan ir-ritratt kien ittieħed qabel ma saru xogħolijiet mill-intimat;

Illi l-intimat Dr. Coronato Grech esegwixxa xogħolijiet ta' bini fil-fond proprjeta' tiegħu fejn oltre xogħolijiet ta' katusi u drenaġġ ġdid, esegwixxa wkoll xogħolijiet ta' natura straordinarja inkluż il-binja ta' washroom, u aperturi ġodda;

Illi l-intimat bi vjolenza u mingħajr lanqas ma saqsa l-kunsens tar-rikorrenti qabad u bena art mal-livell tat-tieqa tal-kamra tal-banju li jidher fir-ritratt JP 2 sa JP 5 inklużi fejn b'konsegwenza tax-xogħolijiet li għamel l-intimat reċentement, fixkel u neżżgħa l-pussess tar-rikorrenti fejn għalaq kull aċċess għall-attur sabiex jaċċedu għall-pajpijiet, katusi u drenaġġ tagħhom billi għamel saqaf tal-konkrit u deffen is-sistema ta' l-ilma u drenaġġ, bil-konsegwenza li issa l-atturi ma għandhom ebda possibilita' sabiex jaċċedu għall-partijiet tal-katusi ta' l-istess rikorrenti;

Illi dan is-saqaf tal-konkrit li jinsab livell mat-tieqa tal-kamra tal-banju issa jinsab tant il-fuq li f'każ ta' xita kontinwa, l-ilma tax-xita sejjer jiskula ġewwa l-kamra tal-banju ta' l-attur;

Oltre hekk, bil-kostruzzjoni tas-saqaf tal-konkrit hemm aċċess faċli saibex persuni jkunu jistgħu jidħlu fil-fond tar-rikorrenti fejn b'hekk qiegħed jiġi mfixkel il-pussess ta' l-atturi u qiegħed itellef ir-rikorrenti mit-tgawdija ta' dawl u arja b'konsegwenza tax-xogħolijiet billi bena żewġ ħitan ma' kull naħa tas-saqaf mertu tal-kawża;

Illi r-rikorrenti joġġezzjonaw wkoll u jżommu fermi għad-drittijiet tagħhom għad-distanza żgħira li ħalla l-intimat fix-xogħol tal-kostruzzjoni tal-washroom fejn lanqas ma jeżistu l-għoxrin pied mill-fond proprejta' tar-rikorrenti, u l-fond tal-konvenut għall-fini ta' liġijiet sanitarji billi l-intimat ma żammx mad-distanzi rikjesti skont il-liġijiet sanitarji;

Illi għalhekk l-atturi kellhom jintavolaw dini l-kawża sabiex jiġu reintegrati fil-pussess ta' ħwejjiġhom.

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddeċidi li x-xogħolijiet li ġew esegwiti mill-intimat reċentement permezz ta' binja ta' saqaf tal-konkrit eżatt livell mat-tieqa tal-kamra tal-banju tar-rikorrenti kif jidher fir-ritratt JP 2 sa JP 4 inklużi, jikkostitwixxu spoll vjolenti u reċenti li jfixkel u jneżża lill-attur mill-pussess ta' ħwejjiġhom;

2. Tordna lill-intimat sabiex entro terminu qasir u perentorju li tordan l-Qorti, jirrenintegraw lill-atturi fil-pussess tal-arja u dawl kif ukoll għall-katusi ta' l-ilma u sistema ta' drenaġġ, billi jitneħħa s-saqaf tal-konkrit u jinkixfru s-sistemi tal-katusi ta' l-ilma u drenaġġ ta' l-atturi sabiex ikollhom aċċess għalihom;

3. Illi f'każ li l-konvenut jonqos li jaderixxi mal-ordnijiet stipulati mill-Qorti stess, il-Qorti għandha taħtar perit sabiex a spejjeż ta' l-istess konvenut, l-atturi jkunu jistgħu jagħmlu dawk ix-xogħolijiet rimedjali kif tordna l-Qorti stess, sabiex l-atturi jiġu ripristinati fil-pussess ta' ħwejjiġhom.

Bl-ispejjeż. Il-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut li eċċepixxa:

1. Illi fil-każ odjern jonqsu ż-żewġ elementi essenzjali għall-proponiment b'suċċess ta' kawża ta' spoll, u ċjoe' l-element tal-pussess, *possedisse*, u konsegwentement ukoll l-element ta' spoll, *spoliatum fuisse* u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti konjuġi Portelli;

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

3. B'referenza għal kull paragrafu tar-rikors ġuramentat, imbagħad, l-esponenti għandu s-segwenti x'jirrivela:

    a) B'referenza għal kull tlett paragrafi tar-rikors ġuramentat dawn m'humiex kontestati;

    b) Illi b'referenza għar-raba' paragrafu, l-esponenti mhux fil-posiżżjoni li jikkonferma o meno l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti. Li jista' jiġi konfermat biss huwa li r-ritratt Dokument JP 1 anness mar-rikors ġuramentat juri s-sitwazzjoni kif kienet qabel ma bdew ix-xogħolijiet;

c) Illi għar-rigward il-ħames paragrafu, mhux kontestat li l-esponenti għamel xogħol ta' bini fis-sit tiegħu u dan wara li ottjena l-permessi kollha;

d) Illi s-sitta, is-seba', it-tmienja, id-disa' u l-għaxar paragrafi huma kontestati stante li bix-xogħolijiet esegwiti mill-esponenti huwa bl-ebda mod u manjiera ma fixkel il-pussess tar-rikorrenti u dan skont kif sejjer jiġi dettaljatament ippruvat waqt is-smigħ tal-kawża. Anzi parti mix-xogħolijiet li saru mill-esponenti kienu intiżi sabiex tiġi riparata l-ħsara li kienet qiegħda ssir lis-saqaf tal-proprjeta' tal-istess esponenti mill-kamra li tidher fir-ritratt Dokument JP 1;

e) Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

B'riżerva ta' kwalunkwe azzjoni għad-danni spettanti lill-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti in vista' tal-pretensjonijiet infondati diretti mir-rikorrenti fil-konfront tal-esponent.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u d-dokumenti oħra esebiti.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Marzu 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' **spoll**. Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi:

*"In tema legali jinghad li l-'**actio spolii**' hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat;*

*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodici Civili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni publiku, u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu*

*dritt ghalieh, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt,Volum XIII, P. 1, pag. 555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol.XXXI.I.296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol.XXI.II.83 P'Awla Civili,20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol.1889, pagna 124; u dan biex inghataw xi sentenzi);…..".*[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*).

*"Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat,l-azzjoni taqa' minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra."*[2]

Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi:

*"La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Cocice Civile applica, in tutto il suo rigore,la regola **"spoliatus ante omnia restituendus"**. Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

---

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit: Prim'Awla: 12.4.1958 vol.XLII..II.975
[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia; Appell Civ.7.3.1958 – vol.XLII.I.86
[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol.I. 5ta.ed.1902 Torino,para.271

Permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jilmentaw minn uħud mix-xogħolijiet esegwiti mill-konvenut fil-fond tiegħu li huwa adjaċenti għal dak tagħhom, u li permezz tagħhom:

(i) Għolla saqaf fil-fond tiegħu b'tali mod li ġie kważi fl-istess livell tal-parti t'isfel ta' tieqa ta' kamra tal-banju fil-proprjeta' tagħhom, u sovrastanti l-fond tiegħu;

(ii) Radam taħt dan is-saqaf il-katusi tad-drenaġġ u pajpijiet tal-ilma li kienu jservu l-istess kamra; u

(iii) Għatta l-veduta li kellhom minn din it-tieqa bil-bini ta' żewġ ħitan li tella' fil-fond tiegħu.[4]

Madankollu, t-talba biex jiġi dikjarat li twettaq spoll fil-konfront tagħhom, l-atturi llimitawha għall-ewwel żewġ ilmenti hawn indikati.

Sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk jeżistux dawn it-tliet elementi fil-każ in eżami.

**1. Il-Pussess**:

Dwar l-ewwel element indikat hawn fuq, li huwa meħtieġ sabiex tirnexxi kawża ta' spoll, ingħad:

*"Illi l-ewwel rekwizit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-reintegrazzjoni, tista' tigi milqugha bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga li fuqha jkun pretiz li sar l-ispoll. L-espressjoni wzata mill-ligi – '**possession of whatever kind**'- dak li jinteressana f'dal kaz - tikkomprendi tant il-pussess civili kemm dak semplicement naturali, u anki dak vizzjuz; imma pero' tesigi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-ghaliex, jekk l-attur f'kawza bhal din li fuqha qeghdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-haga, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix."*[5]

Fil-każ in eżami, mhux kontestat li l-atturi kellhom il-pussess ta' tieqa li qabel ma saru x-xogħolijiet lamentati, kienet f'livell iżjed għoli mis-saqaf presenti fil-fond tal-konvenut. Dan lanqas ma jiċħad li bix-xogħolijiet li wettaq fuq dan is-saqaf radam partijiet sostanzjali mill-katusi tad-drenaġġ u pajpijiet tal-ilma li qabel kienu jgħaddu minn

[4] Ara ritatti Dokti.JP.1 – JP. 5 annessi mar-Rikors Ġuramentat a fol. 4, 5 tal-proċess
[5] Fenech vs Zammit, ġia ċitata

fuq il-wiċċ ta' dan is-saqaf.[6] Jinsisti pero' li ħalla l-istop cocks tal-ilma u l-komunikazzjoni għas-sistema tad-drenaġġ aċċessibbbli għall-atturi.

**2. Ix-xahrejn**:

L-attur qal fl-affidavit ġuramentat tiegħu illi l-att ta' spoll mertu tal-kawża seħħ fil-25 ta' Lulju 2014 u l-ġranet ta' wara.[7] Ma jidhirx li hu kontestat illi din il-kawża ġiet intavolata fi żmien ix-xahrejn rikjesti mil-liġi mid-data li fiha seħħ li spoll. Il-kawża presenti ġiet intavolata fit-23 ta' Settembru 2014 u għalhekk qabel ma laħqu skadew ix-xahrejn stipulati fil-liġi fir-rigward ta' dan l-inċident.

**3. L-ispoll**:

Il-konvenut jikkontendi li x-xogħolijiet li minnhom qed jilmentaw l-atturi saru kollha bil-kunsens u l-approvazzjoni tagħhom, u kien biss wara li huwa tella' l-bini fil-parti ta' wara tal-fond tiegħu li bih għatta l-veduta li kienet titgawda qabel mid-dar tagħhom, li l-atturi bdew joġġezzjonaw għal dak li kien għamel.

Kif ifisser il-**Mattirolo**:

"*Spoglio violento e' qualunqe atto arbitrario di spogliazione, compiuto contro la volonta' espressa o presunta del possessore, sebbene non si usi contro questo alcuna violenza fizica ne' intervenga per parte del medesimo un'effettivo opposizione all'atto dello spoglio. Onde non e' necessario che la violenza, ossia la spogliazione, sia direttamente praticata contro la persona,…ma basta quella adoperata sulla cosa,…*

*Spoglio clandestino e' qualunque atto di spogliazione, che avvenga all'insaputa del possessore, anchorche' non sia stato commesso di notte o di soppiatto.*"[8]

Intqal f'dan ir-rigward mill-qrati tagħna:

"*… biex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll, mhux mehtieg biex dan ikun vjolenti, li jkun hemm il-vis atrox jew le vie di fatto, imma hu*

[6] Ara Nota tal-Osservazzjonijiet responsiva tal-konvenut a fol. 217 tal-proċess
[7] Ara affidavit tiegħu a fol. 54 tal-proċess
[8] Op.ċit.para.270, pag. 253 -254

*bizzejjed li jkun hemm* *<u>nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu</u>, ta' min isofri l-ispoll."*[9]

L-attur jiċħad li qatt ta dan il-kunsens, u fi kliem it-tifel tiegħu, ma kenux ser jagħmlu din il-kawża li kieku kien hemm din l-aċċettazzjoni.[10] Għalhekk hawnhekk għandna żewġ verżjonijiet kontradittorji li l-Qorti trid tiddeċidi liema waħda minnhom hija l-iżjed verosimili. Insibu fil-ġurisprudenza tagħna li:

*"…mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddecidi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett għall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha… Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawża civili, huma generalment sufficjenti għall-konvinciment tal-gudikant … Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*[11]

Mill-provi jirriżulta li l-konvenut kien ħalla l-esekuzzjoni tax-xogħolijiet intrapriżi fil-fond tiegħu fl-idejn professjonali tal-perit minnu nkarigat, l-A.I.C. Steven Scicluna, u għalhekk ftit li xejn seta' jgħid x'ġie miftiehem mal-atturi qabel jew waqt li kienu qed isiru dawn ix-xogħolijiet. Da parti tiegħu l-**perit Scicluna** spjega:

*"Nghid li l-attur ghandu kamra fuq il-bejt tal-konvenut li tintuza bhala toilet. Kont kellimt lill-konvenut dwarha u gharraftu li din kienet fi stat perikoluz li tisfronda. Il-konvenut talabni sabiex naghmel xogholijiet sabiex din tissahhah u wara li ottjenejt l-approvazzjoni tal-attur ordnajt li jsiru dawn ix-xogholijiet. Sa dan iz-zmien ir-relazzjoni bejna u bejn l-attur kienet wahda ferm tajba.*

[9] Prim' Awla. 26.1.1957: Carmelo Rosario Dimech vs Antonia Fenech et. (kollez. vol.XLI.ii.846); sottolinear ta' din il-Qorti

[10] Ara deposizzjoni in kontro-ezami ta' Anthony Portelli a fol. 160 tal-process

[11] Prim.Awla, Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia: 24.11.1966; ara wkoll Appell Inferjuri: Joseph Borg et vs Joseph Bartolo: 25.06.1980; Appell Kumm. Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino:25.02.1952; Appell Civili: Paul Vassallo vs Carmelo Pace: 5.03.1986; Appell Civili: Saviour Cremona et vs Anthony Cassar et. : 23.09.2009

*Lill-attur kont navzah meta konna nkunu ha naghmlu xi xogholijiet li setghu jikkawzaw inkonvenjent. Meta ezempju saru xi xogholijiet fuq il-pipes tal-kamra tal-banju, kont spjegajtlu x'tip ta' xoghol ha jsir u wara li jaqbel maghna u konna nitolbuh sabiex ma jaghmilx uzu minnhom sakemm jitlesta dak ix-xoghol. Dan ix-xoghol dejjem tlesta fi zmien qasir. L-attur dejjem iringrazzjana talli konna qeghdin navzawh bix-xogholijiet li qed isiru.*

*Fir-rigward tal-pipes jien kont ta' l-opinjoni li dawn il-pipes ghandhom jigu mghottija. Ikkonsultajt mal-klijent tieghi li ta l-approvazzjoni tieghu u avvicinajt lill-attur li ukoll qabel ma' dan it-tibdil u li ghalih ma kienitx problema imbasta jibqalu l-istess uzu. Jien fehemtu ezattament fhiex ser jkun jikkonsisti x-xoghol u wara li huwa qabel li jsiru dawn ix-xogholijiet, ipprocedejna biex inwettqu l-pjan taghna hekk kif ftehmna filwaqt li nipprova li noholqu l-inqas inkonvenjent possibbli ghall-attur. Bix-xogholijiet li saru l-attur ghad baqalu l-istess servizzi li huwa kien igwadi minnhom qabel u dan wara li twahhlu l-istop cocks godda sabiex jissostitwixxu dawk antiki. L-attur kien jaf bix-xogholijiet kollha li qeghdin isiru minna – mhux biss ghaliex jiena kont navzah imma wkoll ghaliex huwa kien kontinwament fid-dar tieghu u kien jiccekkja kontinwament x'qeghed isir. Waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet fuq il-pipes u fil-bejt attigwu ghall-kamra tat-toilet huwa qatt ma lmenta, appuntu ghaliex dawk ix-xogholijiet kienu qeghdin isiru bil-kuntentizza u approvazzjoni tieghu."*[12]

Fil-kontro-eżami tiegħu l-perit Scicluna reġa' kkonferma li:

*"…l-ewwel haga li ghamilna meta bdejna illi ridna nsolvu din il-problema li kien hemm, il-pipijiet jigu fuq is-saqaf. Issa, u kien hemm pipijiet u connections. Ahna konna dejjem bil-ftehim ma' Joseph Portelli, man-neighbour, li bhala connections inzommuhomlu l-istess u konna dejjem infehmuh, jiena ghamilt l-ewwel xahar jigifieri kwazi nmur kuljum jew kull jumejn, u konna nghidulu 'dan il-pipe ha nghadduh minn hawn, tajjeb ghalik?' Kien jghidli 'mela mhux ha nuza per ezempju x-shower, it-toilet.' Dan ma tistax inti tiftah il-pipijiet u dan juzalek ix-shower, lanqas jghaqqad, dan trid biss biss gurnata per ezempju sakemm jinxef ix-xoghol. Jigifieri dan kellu, mhux talli, x'hin kont inmur inkellem jiena l-haddiema li qeghdin jahdmu hemm kont insibu gieli jidhol, jghidli 'kif inhu sejjer ix-xoghol?' jara, wara, jigifieri ahna, jien f'kull mument li missejt xi haga li kienet tirrigwarda lilu konna dejjem nitkellmu mieghu, dejjem."*[13]

---

[1212] Ara affidavit tal-perit Scicluna a fol.117 – 118 tal-proċess
[13] kontro-eżami tiegħu a fol. 199 – 200 tal-proċess

**Salvu Cachia**, il-ħaddiem li għamel ix-xogħol fuq il-*pipes* tal-attur, xehed illi:

"*Gurnata minnhom niftakar li l-perit kien mar fejn Anthony Portelli u qallu li l-pipes li kienu ghaddejin mill-proprjeta' ta' Dr. Grech se jigu mghottija. Huwa fehmu f'hiex jikkonsisti x-xoghol u Anthony qallu li ghalih mhux problema li jsiru dawn ix-xogholijiet sakemm huwa xorta jkollu l-pipe ghaddej u jkun jista' jaghlaq l-istopcock tieghu. Jien kont ninsab ftit passi l-boghod u ghalhekk smajt kollox. Dawn ix-xogholijiet imbaghad saru fejn l-attur fil-fatt ghadu jgawdi bl-istess servizzi li huwa kellu qabel u twahhlu stop cocks godda.*"[14]

In kontro-eżami dan ix-xhud reġa' kkonferma din il-verżjoni, u kompla jelabora li : "…*Hekk hu, iva, u kont mieghu* (il-perit) *jien xhieda, li malli nibdew dan is-sinjur* (Anthony Portelli), *ma nafx min hu, hawn ta' hemmhekk, navzh biex juza, hu kien ha juza kamra tal-banju oħra.*"[15] Imbagħad fuq domanda tal-legali tal-atturi jekk kienx hemm xi ftehim bil-miktub, ix-xhud sostna: "*Le, imma nahlef, hemm tnejn (2) kontra wiehed (1),it-tnejn (2), la l-Perit ma naf jien u lanqas lill-iehor, jiena just kemm mort hdimt u daqshekk.*"[16]

In vista ta' dan, din il-Qorti tasal biex temmen ix-xhieda prodotti mill-konvenut, iżjed minn dak li qalu l-attur u ibnu, u dan tenut kont dawn il-fatturi:

(i) L-attur ma jistax jgħid li ma kienx jaf bix-xogħolijiet li kienu qed isiru proprju fil-fond adjaċenti għar-residenza tiegħu. Anzi rriżulta li huwa kien qed isegwi dawn ix-xogħolijet kontinwament mill-qrib, tant li anke kien ta' spiss jidħol fil-fond tal-konvenut biex jara x' kien qed isir u f'hiex kienu waslu x-xogħolijiet;[17] anke l-avukat tiegħu f'xi okkazzjoni minnhom daħal biex jispezzjona l-fond tal-konvenut.[18]

(ii) F'tali ċirkostanzi l-aqwa rimedju għall-atturi, li kieku ma kienux qed japprovaw il-modalitajiet ta' dawn ix-xogħolijiet, kien li jipproċedu b'talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex

---

[14] Ara affidavit tiegħu a fol. 111 tal-proċess
[15] Ara kontro-eżami tiegħu a fol. 191 tal-proċess
[16] A fol. 192 tal-proċess
[17] Ara xhieda ta' Salvu Cortis
[18] Dan ma ġiex miċħud

immedjatament iwaqqfu x-xogħolijiet, u mhux joqgħodu jistennew li l-konvenut ilesti kollox;

(iii) Irriżulta li l-attur ikkopera bis-sħiħ għall-qlugħ u bdil tal-pajpijiet tal-ilma u l-katusi tad-drenaġġ tal-kamra tal-banju tiegħu li għandu tistriħ fuq is-saqaf tal-kamra sottostanti tal-konvenut, meta kien ser isir ix-xogħol ta' rinforz fuq dan is-saqaf, tant li aċċetta li ma jagħmilx użu minn din il-kamra sakemm jitlestew ix-xogħolijet meħtieġa;

(iv) Ix-xhieda ta' Salvu Cortis, persuna għal kollox estranea għall-konflitt bejn il-kontendenti hija kredibbli, u għalhekk dak li qal fis-sens li l-attur, fil-presenza tiegħu, aċċetta li jsiru x-xogħolijiet kif kienu qed jitfissru lilu mill-perit Scicluna, jirrispekkja l-verita'.

Għalhekk billi jirriżulta sodisfaċentement illi tassew kien hemm il-kunsens tal-attur għax-xogħolijiet lamentati minnu, u għaldaqstant f'dan il-każ jonqos wieħed mill-elementi rikjesti mil-liġi għas-suċċess ta' kawża ta' spoll, il-kawża presenti ma tistax tirnexxi. Konsegwentement tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut li jonqos l-element tal-ispoll, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur